MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 220/2015

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Mark Mc Connachie  (ID 37741A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 18 ta' Marzu, 2015 prezentat mis-Socjeta' attrici fejn ippremettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€425.30c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40150275).

Illi  nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dokumenti Mehmuzi:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Traduzzjoni tat-talba

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-Socjeta' attrici datata 19 ta' Mejju, 2015 li biha rriduciet it-talba bl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) rapprezentanti l-valur ta' *equipment* ritornat. Ghaldaqstant il-bilanc rimanenti jammonta ghall-mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro  u tletin centezmu (€225.30c), flimkien ma' mghaxijiet u l-ispejjez legali skont it-talba.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro  u tletin centezmu (€225.30c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------